32001L0033

L 127/42 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 9.5.2001

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2001/33/KE

## tat-8 ta' Mejju 2001

## li temenda ċerti annessi mad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-prodotti mill-pjanti u kontra l-firxa tagħhom ġewwa l-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar il-miżuri protettivi kontra d-dħul fil-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-prodotti mill-pjanti u kontra l-firxa tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(ċ) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talbiet magħmula mid-Danimarka, Franza, l-Irlanda, l-Italja, l-Awstrija, il-Portugall u r-Renju Unit,

Billi:

(1) Mit-tagħrif fornit mir-Renju Unit u mill-Isvezja jidher illi wara rijorganizzazzjoni tal-gvernijiet lokali, għandha tiġi mmodifikata d-deskrizzjoni korrenti taż-żoni protetti rispettivi rigward id-*Dendroctonus micans Kungelan* u l-*Leptinotarsa decemlineata Say*.

(2) Għandhom jiġu mmodifikati ċerti dispożizzjonijiet dwar il-miżuri protettivi fid-Danimarka kontra l-*Bemisia tabaci Genn*. (il-popolazzjonijiet Ewropej) u l-virus tal-marda li ddebbel it-tadam imtabba', fil-Portrugall kontra l-*Gonipterus scutellatus Gyll.*, fir-Renju Unit u l-Irlanda kontra l-*Pissodes spp*. (Ewropea), u fi Franza, l-Italja u l-Awtrija kontra l-*Erwinia amylovora (Burr.) Winsl. et al* sabiex titiqies id-distribuzzjoni preżenti ta' dawn l-organiżmi fil-pajjiżi rispettivi.

(3) L-emendi huma bi qbil mat-tweġibiet ta' l-Istati Membri interessati.

(4) Il-miżuri provvduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

L-Annessi minn I sa IV mad-Direttiva 2000/29/KE huma emendati skond l-Anness ma' din id-Direttiva.

*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-21 ta' Mejju 2001. Għandhom jibdew japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mit-22 ta' Mejju 2001. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jkunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw immedjatament lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet essenzali tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra bihom.

*L-Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandha tibda tapplika mit-22 ta' Mejju 2001.

*L-Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Mejju 2001.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 169, tal-10.7.2000, p. 1.

*L-ANNESS*

1. Fil-punt 1 tal-Parti B(a) ta' l-Anness 1, tithassar id-"DK" fil-kolonna tal-lemin.

2. Fil-punt 3 tal-Parti B(a) ta' l-Anness 1, it-test fil-kolonna tal-lemin jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "E (Ibiza u Menorca) IRL, P (l-Azores u l-Madeira), FI (id-distretti ta' Åland, Häme, Kymi, Pirkanmaa, Satakunta, Turku, Uusimaa), S (il-pajjiżi ta' Blekinge, Gotlands, Halland, Kalmar and Skåne), UK".

3. Fil-punt 2 tal-Parti B(b) ta' l-Anness 1, tithassar id-"DK" fil-kolonna tal-lemin.

4. Fil-punt 3 tal-Parti B(a) ta' l-Anness 1, it-test fil-kolonna tal-lemin jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "EL, IRL, UK (L-Iskozja, l-Irlanda ta' Fuq, Jersey, l-Ingilterra: il-kontej, distretti u awtoritajiet unitarji li ġejjin: Barnsley, Bath u Somerset tal-Grigal, Bedfordshire, Bournemouth, Bracknell Forest, Bradford, Bristol, Brighton u Hove, Buckinghamshire, Calderdale, Cambridgeshire, Cornwall, Cumbria, Darlington, Devon, Doncaster, Dorset, Durham, l-East Riding ta' Yorkshire, Sussex tal-Lvant, Essex, Gateshead, London fil-kobor tagħha, Hampshire, Hartlepool, Hertfordshire, Kent, Kingston fuq ix-xmara Hull, Kirklees, Leeds, Leicester City, Lincolnshire, Luton, Medway Council, Middlesbrough, Milton Keynes, Newbury, Newcastle fuq ix-xmara Tyne, Norfolk, Northamptonshire, Northumberland, Lincolnshire tat-Tramuntana, Lincolnshire tal-Grigal, it-Tyneside tat-Tramuntana, Somerset tal-Majjistral, il-Belt ta' Nottingham, Nottinghamshire, Oxfordshire, Peterborough, Plymouth, Poole, Portsmouth, Reading, Redcar u Cleveland, Rochdale, Rotherham, Rutland, Sheffield, Slough, Somerset, Southend, Southampton, it-Tyneside tan-Nofs in-Nhar, Stockton fuq ix-xmara Tees, Suffolk, Sunderland, Surrey, Swindon, Thurrock, Torbay, Wakefield, Sussex tal-Punent, Windsor u Maidenhead, Wokingham, York, l-Isle of Man, l-Isle of Wight, il-Gżejjer Scilly, u l-partijiet tal-kontej, distreti u awtritajiet unitarji li ġejjin: il-Belt ta' Derby: dik il-parti ta' l-awtorità unitarja li tinsab lejn it-tramuntana tal-limiti tat-Tramuntana tat-triq A52 flimkien ma' dik il-parti ta' l-awtorità unitarja li tinsab lejn it-tramuntana tat-triq A6(T); Derbyshire: dik il-parti ta l-awtorita unitarja li tinsab lejn it-tramuntana tal-limiti tat-Tramuntana tat-triq A52 flimkien ma dik il-parti ta' l-awtorita unitarja li tinsab lejn it-tramuntana tat-triq A6(T); Derbyshire: dik il-parti tat-triq li tinsab lejn il-lvant tal-limiti tal-Lvant tat-Triq Rumana Fosse; Leicestershire: dik il-parti tal-kontea li tinsab lejn il-lvant tallimiti tal-Lvant tat-triq Rumana Fosse, flimkien ma' dik il-parti talkontea li tinsab lejn il-lvant tal-limiti tal-lvant tat-triq B4114, u dik il-parti tal-kontea li tindab lejn il-lvant tal-limiti tal-;vant tal-*motorway* M1; Yorkshire tat-Tramuntana: il-kontea kollha. Għajr dik il-parti tal-kontea li fiha d-distrett ta' Craven; Gloucestershire tan-Nofs in-Nhar: dik il-parti ta' l-awtorita unitarja li tinsab lejn in-nofs in-nhar tal-limiti ta' nofs in-nhar ta' l-M4; Warwickshire: dik il-parti tal-kontea li tinsab lejn il-lvant tal-limiti tal-lvant tat-triq Rumana Fosse; Wiltshire: dik il-parti tal-kontea li tinsab lejn in-nofs in-nhar tal-limiti tan-nofs in-nhar tal-*motorway* M4, u dik il-parti tal-kontea li tinsab lejn il-lvant tal-limiti tal-lvant tat-triq Rumana Fosse).".

5. Fil-punt 5 tal-Parti B(a) ta' l-Anness 1, it-test fil-kolonna tal-lemin jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "EL, P (l-Azores; id-distrett ta' Beja: il-*concelhos* kollha; id-distrett ta' Casatelo Branco: il-*concelhos* ta' Castelo Branco, Fundão u Penamacôr, Idanha-a-Nova; id-distrett ta' Évora bl-eċċezzjoni tal-*concenlhos* de Montemor-O-Novo, Mora u Vendas Novas; id-distrett ta' Faro: il-*concelhos* kollha; id-distrett ta' Porta Alegre: il-*concelhos* ta' Arronches, Campo Maior, Elvas, Fronteira, Monforte u Sousel)."

6. Fil-Parti B(a) ta' l-Anness II, jithassar il-punt 8.

7. Fil-punt 2 tal-Parti (B)(b) ta' l-Anness II, it-test fil-kolonna tal-lemin jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "E, F (Corsica), IRL, I (l-Abruzzi; Basilicata; il-Calabria; il-Campania; l-Emilia-Romagna; il-provinċji ta' Forlí-Cesena, Parma, Piacenza u Rimini; il-Friuli-Venezia Giulia; il-Lazio; il-Liguria; il-Lombardija; il-Marche; il-Molise; il-Piemonte; l-Apulia, Sardinia, Sqallija; it-Toscana; it-Trentino-Alto Adige: il-provinċji awtonomi ta' Bolzano u Trento; l-Umbria; il-Valle d'Aosta; il-Veneto), A (Burgenland, Corinthia, L-Awstrija tan-Nofs in-Nhar, it-Tirol tal-Lvant, Styria, Vjenna), P, FI, UK (l-Irlanda ta' Fuq, l-Isle of Man u ċ-Channel Islands)."

8. Fil-punt 1 tal-Parti B ta' l-Anness III, it-test fil-kolonna tal-lemin jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "E, F (Corsica), IRL, I (l-Abruzzi; il-Basilicata; il-Calabria; il-Campania; l-Emilia-Romagna; il-provinċji ta' Forlí-Cesena, Parma, Piacenza u Rimini; il-Friuli-Venezia Giulia; il-Lazio; il-Liguria; il-Lombardija; il-Marche; il-Molise; il-Piemonte; l-Apulia, Sardinia, Sqallija; it-Toscana; it-Trentino-Alto Adige il-provinċji awtonomi ta' Bolzano u Trento; l-Umbria; il-Valle d'Aosta; il-Veneto), A (Burgenland, Corinthia, l-Awstrija tan-Nofs in-Nhar, it-Tirol tal-Lvant, Styria, Vjenna), P, FI, UK (l-Irlanda ta' Fuq, l-Isle of Man u ċ-Channel Islands)."

9. Fil-punti 1, 7 u 14.1 tal-Parti B ta' l-Anness IV, it-test fil-kolonna tal-lemin jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "EL, IRL, UK (L-Iskozja, l-Irlanda ta' Fuq, Jersey, l-Ingilterra: il-pajjiżi, distretti u awtoritajiet unitarji li ġejjin: Barnsley, Bath u Somerset tal-Grigal, Bedfordshire, Bournemouth, Bracknell Forest, Bradford, Bristol, Brighton u Hove, Buckinghamshire, Calderdale, Cambridgeshire, Cornwall, Cumbria, Darlington, Devon, Doncaster, Dorset, Durham, l-East Riding ta' Yorkshire, Sussex tal-Lvant, Essex, Gateshead, London fil-kobor tagħha, Hampshire, Hartlepool, Hertfordshire, Kent, Kingston fuq ix-xmara Hull, Kirklees, Leeds, Leicester City, Lincolnshire, Luton, il-Kunsill ta' Medway, Middlesbrough, Milton Keynes, Newbury, Newcastle fuq ix-xmara Tyne, Norfolk, Northamptonshire, Northumberland, Lincolnshire tat-Tramuntana, Lincolnshire tal-Grigal, it-Tyneside tat-Tramuntana, Somerset tal-Majjistral, il-Belt ta' Nottingham, Nottinghamshire, Oxfordshire, Peterborough, Plymouth, Poole, Portsmouth, Reading, Redcar u Cleveland, Rochdale, Rotherham, Rutland, Sheffield, Slough, Somerset, Southend, Southampton, it-Tyneside tan-Nofs in-Nhar, Stockton fuq ix-xmara Tees, Suffolk, Sunderland, Surrey, Swindon, Thurrock, Torbay, Wakefield, Sussex tal-Punent, Windsor u Maidenhead, Wokingham, York, l-Isle of Man, l-Isle of Wight, il-Gżejjer Scilly, u l-partijiet tal-kontej, distretti u awtoritajiet unitarji li ġejjin: il-Belt ta' Derby: dik il-parti ta' l-awtorità unitarja li tinsab lejn it-tramuntana tal-limiti tat-tramuntana tat-triq A52(T) flimkien ma' dik il-parti ta' l-awtorità unitarja li tinsab lejn it-tramuntama tal-limiti tat-tramuntana tat-triq A52(T), u dik il-parti tal-kontea li tinsab fil-limiti tat-tramuntana tat-triq A6(T); Gloucestershire: dik il-parti tat-triq li tinsab lejn il-lvant tal-limiti tal-lvant tat-Triq Rumana Fosse; Leicestershire: dik il-parti tal-kontea li tinsab lejn il-lvant tal-limiti tal-lvant tat-triq Rumana Fosse, flimkien ma' dik il-parti tal-kontea li tinsab lejn il-lvant tal-limiti tal-lvant tat-triq B4114, u dik il-parti tal-kontea li tinsab lejn il-lvant tal-limiti tal-lvant tal-*motorway* M1; Yorkshire tat-Tramuntana: il-kontea kollha, għajr dik il-parti tal-kontea li fiha d-distrett ta' Craven; Gloucestershire tan-Nofs in-Nhar: dik il-parti ta' l-awtorità unitarja li tinsab lejn in-nofs in-nhar tal-limiti tan-nofs in-nhar ta' l-M4; Warwickshire: dik il-parti tal-kontea li tinsab lejn il-lvant tal-limiti tal-lvant tat-triq Rumana Fosse; Wiltshire: dik il-parti tal-kontea li tinsab lejn in-nofs in-nhar tal-limiti tan-nofs in-nhar tal-*motorway* M4, u dik il-parti tal-kontea li tinsab lejn il-lvant tal-limiti tal-lvant tat-triq Rumana Fosse)".

10. Fil-Parti B ta’ l-Anness IV, jitħassru l-punti 6.1, 13 u 14.8.

11. Fil-punt 19 tal-Parti B ta’ l-Anness IV, it-test fil-kolonna tal-lemin jiġi mibdul b’dan li ġej:

“EL, P (l-Azores; id-distrett ta’ Beja: il-*concelhos* kollha; id-distrett ta’ Casatelo Branco: il-*concelhos* ta’ Castelo Branco, Fundão u Penamacôr, Idanha-a-Nova; id-distrett ta’ Évora bl-eċċezzjoni tal-*concenlhos* de Montemor-O-Novo, Mora u Vendas Novas; id-distrett ta’ Faro: il-*concelhos* kollha; id-distrett ta’ Portalegre: il-*concelhos* de Arronches, Campo Maior, Elvas, Fronteira, Monforte u Sousel)”.

12. Fil-punt 21 tal-Parti B ta’ l-Anness IV, it-test fil-kolonna tal-lemin jiġi mibdul b’dan li ġej:

“E, F (Corsica), IRL, I (l-Abruzzi; il-Basilicata; il-Calabria; il-Campania; l-Emilia-Romagna; il-provinċji ta’ Forlí-Cesena, Parma, Piacenza u Rimini; il-Friuli-Venezia Giulia; il-Lazio; il-Liguria; il-Lombardija; il-Marche; il-Molise; il-Piemonte; l-Apulia, Sardinia, Sqallija; it-Toscana; it-Trentino-Alto Adige: il-provinċji awtonomi ta’ Bolzano u Trento; l-Umbria; il-Valle d’Aosta; il-Veneto), A (Burgenland, Corinthia, L-Awstrija tan-Nofs in-Nhar, it-Tirol tal-Lvant, Styria, Vjenna), P, FI, UK (l-Irlanda ta’ Fuq, l-Isle of Man u ċ-Channel Islands)”.

13. Fil-punt 24 tal-Parti B ta’ l-Anness 1V, titħassar id-“DK” fil-kolonna tal-lemin.